FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' JANNAR 2001

Rikors Nru 38/96DM

Sumit Development Co Ltd

vs

Ivan Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00) rapprezentanti l-bilanc ta' ammont ikbar dovut mill-konvenut lill-attur ghal xoghlijiet ta tikhil, kisi u zebgha esegwiti mill-attur fil-fond 86/2, Tonna Street, Sliema.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

2 Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti rationae valoris

3 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tal-attur hija ntempestiva stante li x-xoghol meritu tal-vertenza ma sarx skond l-arti u s-sengha u jrid jigi rrangat.

4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 1996 fejn il-partijiet qablu fuq in-nomina ta' Perit Tekniku nonostante l-eccezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Gunju 1996 fejn gie nnominat l-AIC Rene Buttigieg bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Rene Buttigieg ikkonfermata bil-gurament fis-16 ta' Jannar 1998 u rat id-deposizzjonijiet u verbali hemm annessi.

Rat in-nota ta' kritika datata 13 t' April 1998.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2000 fejn il-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-inkompetenza 'rationae valoris'

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat:

Illi s-somma ta' Lm250, mitluba mill-attur, tirrappresenta bilanc minn somma ta' Lm825 miftehma mill-kontendenti bhala prezz ghax-xoghol indikat bhala "kisi on brick walls" u "pointing on stone wall" fl-iskrittura esibiti a fol 57 (Dok JS1).

Il-perit tekniku spejga id-differenza bejn kisi u "pointing" ossia tikhil u rrileva li t-tikhil tal-hitan tal-gebel qatt ma jistgha jaghti l-istess rizultat u "finish" bhal dak li jirrizulta mill-kisi tal-bricks.

Ghalkemm il-konvenut jidher li ma jifhemx sew id-differenza bejn tikhil u kisi u ppretenda li r-rizultat tax-xoghol kellhu jkun l-istess.

Ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa esklussivament li tistabilixxi jekk ix-xoghol tat-tikhil kienx sar skond l-arti u s-sengha u konsegwentement innominat perit tekniku.

Izda, kif sewwa ikkonkluda il-perit tekniku, il-konvenut stess, fil-mori tar-rikors ittrasferixxa l-fond, fejn sar ix-xoghol, lill-terzi, li in segwitu ksew il-hajt li kien imkahhal.

Dan l-agir, gab fix-xejn in-nomina tal-perit tekniku, li fl-access fuq il-post ikkonstata li ma setghax iktar jezamina ix-xoghol tal-attur li minnhu qed jilmenta l-konvenut.

Stante dan l-ostakolu, il-konvenut jippretendi li l-kawza tista tigi rizolta esklussivament fuq id-deposizzjoni tieghu u tal-istrangier li hadem ix-xoghol li stqarr li "x-xoghol li ghamel ma kien kif suppost". Izda din m'hix l-ahjar prova u fi kwalunkwe kaz m'hiex ikkunsidrata sufficjenti biex fuqha l-Qorti tibbaza decizjoni li **t-tikhil** kien effettivament sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha.

Il-konvenut, li kien ghadhu l-propjetarju assolut tal-fond meta rcieva l-avviz odjern u meta eccepixxa li x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond l-arti u s-sengha, kien obbligat li jippreserva l-provi li fuqhom ried jibbaza l-eccezzjonijiet tieghu u setgha talab li l-access peritali jsir fi zmien utili.

Izda l-istess konvenut m'ghamlux u, kif sewwa ikkonkluda l-perit tekniku, il-provi prodotti juru li l-kawza tal-ilmenti tal-konvenut kienet fil-fatt l-imperizja tieghu fix-xoghol tal-gebel li gieghelithu jippretendi li t-tikhil ghandhu jipproduci l-istess rizultat tal-kisi.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tadotta u taghmel taghha il-konkluzzjonijiet peritali, tilqa t-talba tal-atturi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00) rapprezentanti l-bilanc ta' ammont ikbar dovut mill-konvenut lill-attur ghal xoghlijiet ta' tikhil, kisi u zebgha esegwiti mill-atturi fil-fond 86/2, Tonna Street, Sliema, oltre l-imghaxijeit legali b'effett mit-23 ta' Mejju 1996.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD